A.L. 26 ta' l-1994

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli ta' l-1994 dwar Sahra u Xogħol *Part-time*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84A u bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 94 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1994 dwar Sahra u Xogħol *Part-time*.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar, 1993 dwar is-sena ta' stima 1994 u dwar is-snin ta' stima ta' wara.

Ħelsien mit-taxxa fuq sahra u xogħol *part-time*.

2. Il-ħelsien mit-taxxa fuq *income* miksub minn xogħol sahra u xogħol *part-time* speċifikat fl-artikolu 84A ta' l-Att għandu japplika għal individwu li jkun residenti u domiċiljat f'Malta u li jkun impjegat matul il-perijodu:

Iżda huwa jew martu ma jkollhom ebda ishma fil-kumpannija li timpjega jew xi jeddijiet parteċipanti fil-profitti tal-kumpannija jew ta' l-impriża u ma jkunux jiffurmaw parti mill-*management* tal-kumpannija jew ta' l-impriża li magħha l-individwu jkun impjegat, b'dan illi d-dispożizzjonijiet ta' dan il-proviso ma għandhomx japplikaw fil-każ fejn:

(a) l-impjegat ikun ġie elett mill-membri sħabu biex jirrappreżentahom fuq il-bord tal-*management* tal-kumpannija jew ta' l-impriża, jew, jekk il-kumpannija tkun kumpannija pubblika, huwa ma jkunx jippossiedi aktar minn 5% ta' l-ishma tal-kumpannija rispettiva;

(b) l-impjegati jkollhom, individwalment jew kollettivament, skema ta' parteċipazzjoni fil-kumpannija jew fl-impriża.

Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xogħol sahra.

3. Ħelsien mit-taxxa fuq *income* minn xogħol sahra jingħata taħt dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-individwu jkun impjegat *full-time;* u

(b) ix-xogħol sahra jkun sar ma' l-istess kumpannija jew impriża fejn huwa jeżerċita l-impieg *full-time* tiegħu.

Kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xogħol *part-time*.

4. (1) Ħelsien mit-taxxa fuq *income* minn xogħol *part-time* jingħata taħt dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-individwu jkun impjegat *full-time*;

(b) ix-xogħol *part-time* ikun bi ħlas u x-xogħol isir ma' kumpannija jew impriża differenti minn dik fejn huwa jeżerċita l-impieg *full-time* tiegħu; u

(ċ) l-*income* minn xogħol *part-time* ma jkunx jinkludi *income* mill-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni bħala persuna li timpjega lilha nnifisha.

(2) Għall-finijiet ta' din ir-regola x-xogħol *part-time* għandu jiġi reġistrat mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u għandu jiġi prodott ċertifikat għal dak l-effett.

Avviż li jiddikjara li attività tkun xogħol *part-time*.

5. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jista', b'avviż fil-Gazzetta u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati f'dak l-avviż, jiddikjara kull xorta ta' attività bħala li tkun xogħol *part-time*, minkejja li ma tkunx tikkwalifika taħt ir-regola 4 ta' dawn ir-regoli.

Income massimu li jikkwalifika għal ħelsien mit-taxxa.

6. L-*income* massimu minn xogħol sahra u xogħol *part-time* li jista' jikkwalifika għal ħelsien mit-taxxa ma għandux jeċċedi Lm1,500 f'xi sena ta' stima.

Sigħat massimi f'xogħol sahra li jikkwalifikaw għal ħelsien mit-taxxa.

7. L-ogħla għadd ta' sigħat maħduma f'xogħol sahra li jista' jikkwalifika għal ħelsien mit-taxxa m'għandux jeċċedi medja ta' 72 siegħa fix-xahar f'xi sena ta' stima.